# In-Nawfraġju ta' San Pawl u l-Mellieħa



*Jimmy Muscat*

## DAĦLA

Irridu mmorru lura fiż-żmien għas-sena 216 Qabel Kristu, fil-bidu tat-Tieni Gwerra Punika bejn Kartaġni u Ruma. Kienet is-sena meta l-armata Rumana, taħt il-Konslu Tiberius Sempronius Longus, ġiet Malta meta kienet fi triqitha lejn l-Afrika, u l-Maltin ċedew il-qawwa dgħajfa Kartaġiniża lil Sempronius u minn jeddhom aċċettaw il-qawwa ta' Ruma. Wara dan, il-Gżejjer Maltin baqgħu taħt ir-Rumani iżda kienu miżmuma bħala ħbieb u ma ġewx ikkastigati bħal ħafna postijiet oħra maqbuda mir-Rumani. Ġew mogħtija l-istat privileġġjat ta' "Civitas foederata" jew "Libera atque immunis" u dan waħdu jagħtina x'nifhmu li waqt il-gwerra l-Maltin kienu minn jeddhom żammew mar-Rumani.

Ftit li xejn nafu dwar l-istorja ta' Malta taħt il-ħakma Rumana iżda inċident importanti li seħħ bejn is-snin 73 u 71 Qabel Kristu u li kien jinvolvi l-Pretur ta' Sqallija u Malta, Caius Verres, li kien ħakkiem kattiv mas-sudditi tiegħu, jgħinna biex nifhmu aħjar punt importanti dwar Malta. Dan Verres, li wara ġie mixli minn Ċiċerun u mkeċċi wkoll minn Ruma, kien irnexxielu jisraq diversi teżori minn Malta, fosthom erba' mitt ġarra għasel li għalih il-Gżejjer Maltin tant kienu famużi.

## TOPOGRAFIJA TAL-MELLIEĦA

Meta wieħed jistudja t-topografija, jew xeħta tal-art, tal-Mellieħa wieħed malajr jinduna li din tikkonsisti f'sensiela ta' għoljiet u widien paralleli li kollha jiftħu jew jagħtu għal fuq il-Bajja tal-Mellieħa jew l-Għadira, li fi żmien ir-Rumani kienet tissejjaħ *Porto delle Saline Vecchie* jew Port tas-salini l-Qodma minħabba li hemmhekk, fejn illum hemm is-Santwarju tal-Għasafar, kienu jinsabu salini kbar tal-melħ. Meta fl-1970 kienu qegħdin isiru xogħlijiet meħtieġa konnessi mal-formazzjoni ta' din ir-Riserva naturali kienu nstabu partijiet minn ħitan li kienu jifformaw parti minn dawn is-salini Rumani. Il-ħames widien fertili, kollha mżejna b'ilma ġieri u għerien naturali li ipprovdew kenn trogloditiku, jiġifieri nies jgħixu ġo għerien, żgur li ippreżentaw inċentiv qawwi biex komunità ta' nies bdiet tgħix hemmhekk. Irridu nżidu hawnhekk li dik il-ħabta dawn l-inħawi tal-Mellieħa kienu meħlusa mill-attakki tal-furbani għax kienu ttieħdu miżuri qawwija kontrihom mill-flotta Rumana stess taħt P. Servilius fis-sena 78 Qabel Kristu, imbagħad taħt M. Antonius fis-sena 74 Qabel Kristu u fl-aħħar taħt Pompey fis-sena 67 Qabel Kristu.

Għandna għax nemmnu tassew li f'dan il-perjodu Ruman kull wieħed minn dawn il-widien kien abitat sew. Oqbra Kristjani bikrin fil-widien ta' San Niklaw, tal-Madonna, ta' Għajn Żejtuna u tal-Imġiebaħ, flimkien ma' eluf ta' biċċiet ta' fuħħar imxerred f'dawn l-inħawi, kollha jindikaw bil-qawwa preżenza ta' nies li kienu jgħammru hemm fi żmien ir-Rumani, jekk mhux aktar bikrija fi żmien il-Feniċi. It-triq Rumana li titla' mas-sidra tal-Qammieħ mis-Saline Vecchie sal-Qammieħ fuq u li tagħlaq f'għalqa nofs tond ukoll tippreżentalna evidenza ta' ċentru ta' kummerċ fit-tiswir tal-fuħħar, f'inħawi fejn it-tafal kien u għadu abbundanti ferm. Barra minn hekk, fix-xagħri vasti li jagħtu għal fuq l-istess widien kien jinstab, u wieħed għadu jsib, ħafna sagħtar u fjur ieħor selvaġġ li kienu jipprovdu ikel lil eluf kbar ta' naħal, u xhieda ta' dan huma l-imġiebaħ kbar li għad hemm anke llum fl-għerien tal-Wied tal-Imġiebaħ.

Min jaf kemm-il xini Ruman għadda minn taħt ir-riħ ta' dawn il-widien fi triqtu mis-Saline Vecchie tal-Mellieħa sa portijiet fin-nofsinhar tal-Ewropa, mgħobbi bil-melħ, li skond l-istorja kien tant magħruf u stmat li kien jiġi esportat fi kwantitajiet kbar. Il-komunitajiet Melliħin, fil-ħafna għerien ta' kull daqs filgħoli fil-ġnub tal-widien, żgur li kienu mdorrijin jaraw dawk ix-xwieni deħlin u ħerġin mgħobbijin bil-melħ, sakemm għodwa waħda fis-sena 60 Wara Kristu, waqt maltempata kbira mill-Grigal, setgħu jaraw wieħed dieħel għal ġol-bajja. Kienet Gregalata qawwija ħafna u l-mewġ qawwi kien qed ikaxkar kollox 'il ġewwa lejn ix-xtajta tal-Għadira.



## L-ATTI TAL-APPOSTLI

*"X'ħin imbagħad sebaħ, l-art ma għarfuhiex; lemħu biss bajja bi xtajta fiha, u qatgħuha li, jekk jistgħu, jitfgħu l-ġifen fuqha".*

Huma ma għarfuhiex l-art u din turina li din id-darba ma kienx wieħed mix-xwieni tal-melħ tas-soltu. Kieku l-baħrin żgur li kienu jagħrfu x-xeħta tal-kosta. Din id-darba kien wieħed minn dawk ix-xwieni li kienu jħaddnu l-kosta tan-nofsinhar tal-Greċja, jaqsmu l-Baħar Adrijatiku u jibqgħu sejrin lejn Sqallija u mbagħad għal Ruma. Hawnhekk l-Atti jsemmu xtajta, x'aktarx bir-ramel jew ċagħaq u żgur mhux bi blat għoli jew xfar. Ukoll kważi sal-bidu tas-seklu l-ieħor ix-xtajta wiesgħa tal-Għadira kienet miżgħuda b'għarem tar-ramel għoljin li dawk il-mitejn u sitta u sebgħin ruħ iddisprati fuq ix-xini ta' San Pawl setgħu faċilment jaraw. Ukoll mill-bokka miftuħa ta' barra tal-Bajja tal-Għadira dawk l-insejkna setgħu jaraw is-salvazzjoni tagħhom tfiġġ quddiemhom u għalhekk *"tellgħu l-qala' ż-żgħira ta' quddiem għar-riħ u rħewlha lejn ix-xtajta".*

*"Iżda ħbatna ma' sikka bejn żewġ kurrenti, u l-baħrin waħħlu l-ġifen fuqha. Il-pruwa baqgħet imwaħħla sewwa fil-post u ma tħarrkitx iżjed, imma l-poppa bdiet titfarrak bil-qilla tal-mewġ".*

Dak li l-baħrin ma kenux jafu kien li f'nofs il-Bajja tal-Mellieħa kien hemm skoll baxx, skoll li wkoll fi snin riċenti kien il-kawża ta' nafraġji simili. Dan l-iskoll jinsab f'nofs il-Bajja tal-Għadira f'linja dritta mill-Batterija Westreme fuq naħa għal taħt is-Sur tal-Kavallieri n-naħa l-oħra, f'fond ta' madwar żewġ jew tliet metri. X'aktarx li dejjem ikun ibajjad bil-mewġ ukoll fi Gregalati ħfief iżda mbagħad totalment moħbi f'dawk qawwija. Żgur li kienu jaraw blata tielgħa 'l fuq minn wiċċ l-ilma imma mhux dak l-iskoll moħbi.

## FDALIJIET TA' XINI

Studji pjuttost riċenti juruna li fuq in-naħa ta' ġewwa ta' dan l-iskoll, lejn in-naħa tal-punent, hemm parti ġmielha mill-qiegħ jew sikka mimlija ramel u posedonja jew alka f'fond ta' madwar erba' jew ħames metri u din l-istess parti hi miżgħuda b'biċċiet ta' fuħħar u mortarja bħal dawk misjuba fin-nofsinhar tal-Italja. Dawn ġew datati għall-ewwel seklu Wara Kristu. Hemm fatturi oħra li jindikaw li parti mill-buq kif ukoll mill-merkanzija tax-xini nawfragat jistgħu għadhom mirdumin taħt metri sħaħ ta' ramel u posedonja, meta tqis li l-posedonja tista' tgħatti vapur sħiħ f'temp ta' 20 sena. Hemm ukoll possibilta' kbira li f'dawk l-inħawi hemm fdalijiet ta' iktar minn xini wieħed. Jista' jkun li wieħed minnhon hu ta' San Pawl? Tiftix arkeoloġiku taħt l-ilma biss jista' forsi jagħtina xi ħjiel dwar dan.

## IL-ĦELSIEN

Wara dik il-lejla ta' Gregal qawwi dawk in-nies trogloditiċi żgur stennew xi xena bħal dik, xini jitħabat mal-mewġ u mal-elementi tan-natura. Kienu mdorrijin jaraw dehriet bħal dawk. Fil-għoli fil-kenn tal-għerien tagħhom fil-widien tal-Mellieħa setgħu jaraw dik id-drama kollha tiżvolġi taħt għajnejhom u għax kienu sikwit jaraw hekk kienu konxji li dawk in-nies fuq dak ix-xini kienu fi bżonn kbir u allura niżlu malajr lejn ix-xtajta biex jgħinuhom.

*"Lil dawk li kienu jafu jgħumu ordnalhom jintefgħu huma l-ewwel il-baħar u jmorru l-art, ... U hekk kulħadd qabad l-art qawwi u sħiħ".*

X'aktarx li dawk l-imsejkna għamu jew ġew imkarkra mill-mewġ lejn ix-xtajta ramlija, ftit aktar minn 200 metru 'l bogħod mill-iskoll, u hemm sabu lil dawk in-nies tal-għerien biex jgħinuhom. X'aktarx ukoll li nxtegħlu diversi ħġejjeġ, meta tqis li kien hemm 276 ruħ, u wkoll li dawn ġew meħuda fl-għerien fil-qrib fejn ingħataw ikel u ħwejjeġ biex jisħnu.

## IL-MADONNA TAL-MELLIEĦA

Dawn in-nies tal-għerien fil-Mellieħa kienu pagani bħalma kienu l-kumplament tan-nies ta' Malta. X'aktarx li kellhom alla jew allat foloz li huma kienu jaduraw fuq l-istil Ruman. Żgur ukoll li kellhom xi post partikolari fejn setgħu jqimu dawn l-allat, x'aktarx xi għar. Tradizzjoni qawwija tgħidilna li San Luqa, li kien ma' San Pawl fuq il-vapur, pinġa figura tal-Madonna bil-Bambin, li hu kien jaf sew, fuq il-wiċċ tal-blat għeri ta' għar. Peress li dik il-komunità ta' Maltin kienet għadha mistagħġba wara dak il-miraklu tal-lifgħa li kien għadu kif seħħ, San Pawl sab art għammiela biex jgħallimhom dwar Alla, il-Madonna u Ġesù u San Luqa ikkumplimentah b'dik it-tpenġija tal-Madonna. Għandna għax naħsbu li l-Maltin fdawhom u aċċettaw dan it-tagħlim dwar Ġesù u l-Madonna. Forsi dan l-inċident tal-pittura kien żgħir wisq fi traġedja bħal dik iżda żgur li jipprovdielna ħolqa importanti biex nagħrfu l-lok veru tan-nawfraġju ta' San Pawl.



Tradizzjoni oħra dwar is-sena 409 Wara Kristu tgħidilna li l-għar tal-Madonna tal-Mellieħa ġie ikkonsagrat minn diversi isqfijiet, li llum jidhru rappreżentati fis-saqaf tas-Santwarju tal-Mellieħa. La jissemma' li seħħ dan l-avveniment żgur allura li l-Madonna tal-Mellieħa kienet ilha minn qabel stabbilita bħala ċentru ta' devozzjoni. Meta wieħed iqis ukoll kemm il-Mellieħa kienet maqtgħuha mill-kumplament tal-gżira ma jagħmilx sens li San Luqa kien nawfragat x'imkien ieħor u mbagħad tela' dik it-triq kollha sal-Mellieħa biex iħalli dik it-tpenġija. Min-naħa l-oħra, jekk San Luqa ma penġiex dik ix-xbieha tal-Madonna dik id-darba, kif nistgħu niġġustifikaw devozzjoni hekk qawwija u bikrija lejn il-Madonna f'post daqstant imwarrab u mbiegħed f'Malta?

Meta fl-1972 l-Ikona qaddisa tal-Madonna tal-Mellieħa ġiet restawrata mir-restawratur magħruf Samuel Bugeja feġġ dawl ġdid fuq l-istorja tagħha. Aħna lkoll nafu li x-xbieha li naraw illum mhix dik impenġija minn San Luqa għax din tmur lura għal żmien Biżantin u ġiet datata madwar is-sena 1000 Wara Kristu, għalkemm tista' tkun eqdem minn hekk jekk nikkunsidraw il-ħakma Biżantina tal-Gżejjer Maltin. Irridu wkoll ngħidu li waqt l-istess restawr instab li taħt ix-xbieha mikxufa li naraw illum hemm traċċi ta' pittura oħra iżda r-restawratur ma ssograx jikxifhom. Indikazzjonijiet oħra li juru l-antikità tal-post huma żewġ slaleb ħomor tal-konsagrazzjoni li sfortunatament jinsabu moħbija taħt il-pitturi fil-għar stess. Dawn is-slaleb jixbħu ħafna lil dawk ta' żmien il-Kruċjati.

## GĦELUQ

Il-komunitajiet trogloditiċi bikrin tal-Mellieħa li kienu jgħixu f'lok daqshekk imponenti jħarsu għal fuq il-Bajja tal-Għadira, is-Saline Vecchie li kienu ħolqu ċentru qadim ta' kummerċ, il-preżenza ta' oqbra Puniċi u Paleokristjani, il-probabilta' ta' razzett jew villa Rumana fl-Imġiebaħ, l-għarem tar-ramel għoljin u l-iskoll fin-nofs tal-Bajja tal-Għadira, il-fdalijiet ta' xini jew aktar fuq ix-xaqliba tal-punent tal-istess skoll, iċ-ċans ta' twissija bikrija u l-aċċess ħafif biex in-nies tal-inħawi jinżlu biex isalvaw in-nawfragati, id-distanza qasira biex wieħed jgħum minn ħdejn ix-xini nawfragat sal-bajja ramlija, l-enigma jew misteru tal-preżenza tax-xbieha tal-Madonna bil-Bambin fuq wiċċ il-blat tal-għar flimkien mal-antikità tagħha kollha jippreżentawlna partijiet importanti minn jigsaw jew taħbila u li jidhru li jistgħu jingħaqdu biex jippreżentaw punti alternattivi ta' sit possibbli għan-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta.

Ilkoll nafu kemm inkiteb dwar dan il-famuż nawfraġju imsemmi fl-Atti tal-Appostli. Diversi postijiet ġew indikati bħala siti possibbli, kemm f'Malta kif ukoll f'postijiet oħra. Saru diversi studji dwar il-fond tal-baħar, fuq partijiet mill-Atti, dwar ir-riħ u l-kurrenti, fuq maltempati mill-Grigal u aspetti oħra. Instabu diversi ankri taċ-ċomb f'postijiet differenti fil-baħar madwar Malta.

Żgur li hu ta' sfida għall-istoriċi Maltin u minkejja l-informazzjoni kollha li nstabet jew inġabret s'issa jidher li ma hemm xejn konkret dwar il-lok preċiż tat-twelid tal-Fidi Kristjana tagħna.